# ISMIJIET TA' DWIELI U GĦENEB

*(Jissokta ma' dak li deher fil-ħarġa ta' "Il-Malti" ta' Diċembru, 1966, faċċ. 120)*

*Ta' A.C.*

36. *INSOLJA TA' KELUL* (Għawdex) — Għall-ikel u għesir. Daħħalha Dun G. Buttigieg "Ta' Kelul".
37. *INSOLJA TA' ĠENNARU jew TA' ĠANNARUWA* — Għall-għesir.
38. *INSOLJA TA' ĠERUSALEMM* — Għeneb tajjeb għall-ikel.
39. *INSOLJA TA' ĠNIEN FIERES* — Għeneb tajjeb għall-ikel u għesir imħallat ma' għeneb ieħor.
40. *INSOLJA TAL-GĦASSARI* (Il-Fiddien) — Għall-għesir.
41. *INSOLJA TAL-GIRGENTI jew GIRGENTINA* — Mill-aħjar għall-ikel.
42. *INSOLJA TAL-ĠNEJNA* — Għall-ikel u għesir.
43. *INSOLJA TAN-NADUR jew TAT-TIĊĊJU* — Għall-ikel.
44. *INSOLJA TA' SQALLIJA* — Siġra qadima. Għall-ikel. Tajba wisq għall-inbid.
45. *INSOLJA TORKA jew TAŻ-ŻBIB* — Għall-ikel u għall-għesir, jitħallat ma' għeneb ieħor.
46. *INSOLJA TWILA ĦAMRANIJA* — Waħda mill-eqdem dwieli. Għall-ikel. Għall-għesir l-għeneb tagħha jitħallat ma' għeneb ieħor.
47. *ISWED TAL-BEJKA* — (Imlaqqam hekk mil-laqam tal-bidwi min-Nadur, li ħawwilha l-ewwel darba). Ikkultivata ħafna Għawdex bħala dielja ta' għeneb tajjeb għall-għesir.
48. *ISWED TAL-ĦAWWIEF* — (Tnisslet fl-1885 — il-Mellieħa fil-għalqa tal-*Ħawwief*). Ikkultivata l-iktar għall-inbid. Tajba wkoll għall-ikel.
49. *ISWED TAL-MAJMAŻ* — (Tnisslet fil-Baħrija). Ikkultivata l-Imtaħleb u Ħad-Dingli. Għeneb għall-għesir.
50. *GĦENEB TA' URZI* — Imsemmija hekk għas-sur Urzi li nisilha fl-għelieqi tiegħu Ħad-Dingli. Dielja magħrufa fl-Italja bl-isem ta' *Lcrima di Napoli, Lacryma Christi*. Tagħmel inbid fin, iżda ta' produzzjoni ċkejkna.
51. *FRANĊIŻA IMPERJALI* — Tħawlet iktarx l-ewwel darba l-Buskett fis-sena 1860. Tagħmel frott tajjeb għall-ikel.
52. *MARSUSA SEWDA* — Tajba għall-inbid.
53. *MARSUSA SEWDA TAN-NAĦAL* — Tajba għall-inbid.
54. *MARSUSA TAN-NEBBIET* — Għeneb tajjeb għall-ikel.



55. *MELLEĦIJA jew TAL-MELLIEĦ* — Dielja tnisslet il-Mellieħa mas-69 sena ilu, u llum ikkultivata bis-sħiħ il-Mellieħa, Għajn Tuffieħa, il-Wardija u l-Ġnejna. L-għeneb tagħha tajjeb għall-ikel u għall-għesir tal-inbid imħallat ma' għeneb ieħor.
56. *MIĠNUNA BAJDA jew KATLANA* — Hawnhekk il-għeneb tagħha iktarx użat għall-ikel, tajjeb ukoll għall-għesir tal-inbid, imma fi Franza jsir minnu l-*cognac*.
57. *MIĠNUNA BAJDA TAL-KANNIZZATI* — Għeneb tajjeb għall-ikel.
58. *MIĠNUNA BAJDA TAR-RABAT* — Siġra qadima. Għeneb tajjeb għall-ikel u għall-għesir tal-inbid imħallat ma' għeneb ieħor.

*(jissokta)*

---

# QIEGĦED JISBAĦ

*Ta' JOE MEJLAK*

Il-lejl intemm u għadda
Ser jerġa' jibda l-jum,
In-nies mill-ġdid tmidd għonqha
għall-ħajja ta' kuljum.

Id-dlam inħeba għal kollox
U feġġ id-dawl sabiħ,
Il-lejl mar u telaqna
Bħal donnu ħa għalih.

Il-qamar għalkemm tefa
Ma marx, baqa' fejn kien,
Irid jibqa' fil-għoli
Jitgħaxxaq bil-ħolqien.

Il-kwiekeb tfew bħal sidhom
U għebu mis-smewwiet
Għax raw li kien għaddielhom
Il-ħin ta' paċi w skiet.

L-għasafar dlonk jittajru
— Min sejjer u min ġej —
U bdew bil-għana tagħhom
Ifaħħru lill-Mulej!

Id-dwal artifiċjali
Intfew bil-mod il-mod,
U leħen ta' qanpiena
Instama' jdoqq fil-bogħod.

Kultant tilmaħ karrozza
Li tikser dak is-skiet:
Il-ħajja reġgħet qamet
Fir-rħula u l-ibliet.

Irġiel bakkru għal xogħolhom,
Oħrajn għadhom reqdin,
Għax lejlhom għaddewh barra
Fis-swali kbar taż-żfin.

Ix-xemx feġġet miksija
B'mant aħmar tal-ħarir —
Kultant jien nistħajjilha
Ballun ħamrani, kbir.

Il-ħajja ħadet sewwa
U reġa' beda l-jum,
In-nies ġa meddet għonqha
Għal xogħolha ta' kuljum.